**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 546/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**
**vs**
**Darryl Camilleri**

**Illum 16 t'Ottubru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Darryl Camilleri detentur tal-karta tal-identita' 217694M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Ottubru, 2020 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Mellieha u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna lil ommu Lucia Micallef u kif ukoll lil huh Mitchell Camilleri biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), u dan bi ksur tal-Artiklu 251B(1) u l-Artiklu 251H(b) tal-Kapitlu 9.

2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-ommu u cioe' Lucia Micallef u lil huh Mitchell Camilleri u/jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta'

fastidju ghal dawn il-persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a)(b), Artikolu 251HA Artikolu 202, Artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli nhar l-14 t'Ottubru, 2020 gewwa l-Mellieha,

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Lucia Micallef u kif ukoll lil Mitchell Camilleri. Artikolu 339(1)(e) Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Darryl Camilleri a beneficcju ta' Lucia Micallef u Mitchell Camilleri u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-persuni ta' Lucia Micallef u Mitchell Camilleri u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Darryl Camilleri b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi , tordna lill-imsemmi Darryl Camilleri sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuza fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 16 t'Ottubru, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', stqarrija tal-imputat datata 15 t'Ottubru, 2020 mmarkata bhala Dok JP1; fedina penali mmarkata bhala Dok JP2; certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok JP3; certifikat mediku mmarkat bhala Dok JP4; assessment mahrug mill-Agenzija Appogg immarkat bhala Dok JP5; okkorrenza mmarkata bhala Dok JP6; kunsens tal-Avukat Generali mmarkata bhala Dok JP7.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-16 t'Ottubru, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess **Darryl Camilleri** u wara li rat l-Artikoli 222(1), 251B(1), 251H(b), 251A(1)(a)(b), 251AH, 202, 339(1)(e), 412C u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Darryl Camilleri** hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tqieghed lill-imputat taht Treatment Order ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum sabiex l-imputat jeghleb il-vizji tax-xorb u droga.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**